MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 465/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Saviour Cassar**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Saviour Cassar (bin Marcellino u M'Dolores Camilleri, imwieled il-Pieta` fid-29 ta' April 1984, u detentur tal-karta tal-identita` nru 241985M) talli fit-22 ta' Frar 2009, ghall-habta tas-7.00 ta' filghodu, waqt li kien f'Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Wayne Cutajar biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuni jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tieghu ahwa subien u bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali, u dan meta hu kien jaf li bl-imgieba tieghu ser jikkaguna lill-imsemmi Cutajar biza';

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Dicembru 2009 li permezz taghha dik il-qorti, wara li semghet il-provi, sabet lill-imsemmi Saviour Cassar hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u, b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mid-data ta’ dik l-istess sentenza; inoltre dik il-qorti rabtet lill-imsemmi Saviour Cassar skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 li jzomm il-bon-ordni u li ma jimmolestax lil Wayne Cutajar ghal sena taht penali ta’ €2,329.37 (elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Saviour Cassar, minnu ppresentat fl-14 ta’ Dicembru 2009, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza l-obbligazzjoni ffirmata ghall-finijiet tal-Artikolu 383 *et seq.*; semghet il-provi (lil Wayne Cutajar) u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta’ Jannar 2010; ikkunsidrat:

Kif inghad, l-appell hu limitat ghall-piena, cioe` ghall-*conditional discharge* u ghall-imposizzjoni tal-precett skond l-Artikolu 383 *et seq.* tal-Kap. 9. L-appellant jikkontendi li din il-piena kienet, fic-cirkostanzi, wahda eccessiva. Hu jghid li ghandu fedina penali “netta”.

Difficilment wiehed jimmagina appell aktar fieragh minn dak li ghandha quddiemha din il-Qorti f’din il-kawza. Apparti li mhux minnu li l-appellant ghandu fedina penali “netta” ghax ghandu zewg kundanni precedenti konnessi ma’ sewqan ta’ vetturi – fatt li sfortunatament ma kienx a konjizzjoni ta’ l-ewwel qorti ghax il-prosekuzzjoni ghadha, ghal xi raguni, ssibha difficli li tipprezenta l-fedina penali quddiem il-Qrati Inferjuri f’kazijiet, bhal dawn, ta’ vjolenza fejn il-fedina penali ta’ dak li jkun hija indikattiva hafna tal-karattru tal-persuna – bl-appell tieghu l-appellant qieghed prattikament jindika li hu jew ma jridx jew ma jistax izomm lilu nnifsu l-boghod milli jikkommetti reat iehor ghall-periodu ta’ tlett snin, jew li jzomm il-bon-ordni ma’, u ma

jimmolestax lil, Wayne Cutajar ghal periodu ta’ sena. Din il-Qorti, bhall-Qorti Inferjuri qabilha, kellha l-opportunita` li tisma’ lil dan Wayne Cutajar jiddeponi, u ma tistax ma tirrimarkax dwar il-mod selvagg u ta’ “bully” li l-appellant gab ruhu fil-konfront ta’ l-imsemmi Cutajar, bl-appellant anke jipprova jhebb ghalih b’hadida mdaqqsa – u dan semplicement ghax l-appellant u ommu deherilhom li Cutajar ma kellux jarma fuq il-monti ta’ Marsaxlokk fejn fil-fatt kien qed jarma! Ir-reat li tieghu l-appellant instab hati jgib mieghu piena ta’ prigunerija minn minimu ta’ tliet xhur sa massimu ta’ sitt xhur, jew multa minn minimu ta’ €4,658.75 sa massimu ta’ €11,646.87, jew dik il-multa u prigunerija flimkien. L-appellant, invece, inghata *conditional discharge* ghal tliet snin u gie mpost fuqu l-precett imsemmi. L-eccess fil-piena qieghed biss f’mohh l-appellant, u dan probabbilment ghax qed jibza’ li mhux kapaci jzomm il-boghod mill-inkwiet ghal tliet snin! Kif inghad, l-appell huwa wiehed decizament fieragh.

Waqt li din il-Qorti kienet qed tezamina l-atti nnutat li l-garanzija bil-miktub iffirmata mill-appellant quddiem il-Qorti Inferjuri giet mimlija (wiehed ghandu jassumi mid-Deputat Registratur ta’ dik il-Qorti) hazin. In fatti, filwaqt li l-Qorti Inferjuri imponiet penali ta’ €2,329.37, il-formola a fol. 9 tal-atti tindika biss is-somma ta’ €1,200. Ghalhekk dan id-dokument irid jerga’ jigi ffirmat mill-gdid.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; u peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fit-termini tal-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ammenda ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), konvertibbli fi dsatax (19) il-gurnata detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi. Il-Qorti tordna wkoll lill-appellant iwettaq mill-gdid l-obbligazzjoni bil-miktub kif jirrikjedi l-Artikolu 386 tal-Kodici Kriminali, u dan bil-forma kif annessa ma’ din is-sentenza.

QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI
**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano**

Illum, 25 ta' Jannar 2010.

**Appell Nru 465/09**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Saviour Cassar**

**Obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kap. 9**

Ghal dak kollu li tghid u trid is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-1 ta' Dicembru, 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Saviour Cassar** kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet illum, 25 ta' Jannar 2010, jien hawn taht iffirmat, **Saviour Cassar**, nobbliga ruhhi li nzomm il-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd u li ma nimmolestax lil Wayne Cutajar, u jekk b'xi mod li jkun nonqos minn din l-obbligazzjoni nobbliga ruhhi li nhallas is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) penali ordnata bis-sentenzi msemmija, u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' ssehh ghal sena mill-1 ta' Dicembru 2009.

_________________________
(Saviour Cassar)

Maghmula u ffirmata quddiemi, illum 25 ta' Jannar 2010.

_________________________
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------